VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,094, 27 ta' Novembru, 2018
Taqsima B

A.L. 398 tal-2018

L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2018 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Science in Surgical Skills – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2018 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Science in Surgical Skills – M.Sc.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u l-organizzazzjoni tal-Kors, li għandu jinkludi membri minn kull Istituzzjoni Imsieħba;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Surgical Skills – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju imfassal mill-Istituzzjonijiet Imsieħba li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Surgical Skills – M.Sc.;

"l-Istuzzjonijiet Imsieħba" tfisser l-istituzzjonijiet li jieħdu seħem fit-tagħlim tal-Master of Science in Surgical Skills, jiġifieri:

l-Università ta' Malta; u
Barts Cancer Institute (BCI), Queen Mary University of London;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Surgical

VERŻJONI ELETTRONIKA

Skills – P.G.Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Surgical Skills – P.G.Dip.; u

"is-Senat" tfisser is-Senat tal-Università ta' Malta.

(3) Dan il-Grad huwa grad tal-Università mogħti flimkien ma' universitajiet oħra u dan għandu jfisser li l-Kors huwa mgħallem miż-żewġ Istituzzjonijiet Imsieħba fi ħdan qafas ta' programm għal grad mogħti flimkien. Ir-rikonoxximent jingħata biss jekk l-Istituzzjonijiet Imsieħba jiddikjaraw li l-istudent huwa eliġibbli biex jingħata r-rikonoxximent.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għal applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(a) il-grad ta' Doctor of Medicine and Surgery; jew

(b) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, li hi ekwivalenti għall-kwalifika mniżżla fis-sotto paragrafu (a); jew

(ċ) grad f'Suġġett Relatat max-Xjenzi tas-Saħħa kklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar.

(2) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Meta n-numru ta' postijiet ikun limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom jintgħażlu skont il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom għandu jkun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) il-klassifikazzjoni u t-tip tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-studju propost; u
(ċ) il-livell milħuq waqt intervista, jekk meqjus neċessarju.

(4) L-intervisti, jekk neċessarji, għandhom ikunu mmexxija minn bord maħtur mill-Bord għal dan il-għan u magħmul minn tal-anqas tliet membri.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Għall-iskop tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw għal kollox ir-rekwiżiti għad-dħul sal-31 t'Awwissu qabel il-bidu tal-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

(6) L-applikanti kollha għandhom jissottomettu Ċertifikat ta' Kondotta tal-Pulizija, maħruġ mhux qabel sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*, li għandhom jinkludu l-perijodi tas-sajf.

(2) Il-Bord tal-Istudji jista' jħalli lill-istudenti jestendu l-istudji tagħhom b'mhux aktar minn sitt xhur, izda f'ċirkustanzi speċjali, is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, jista' jagħti lill-istudenti estensjoni oħra ta' mhux aktar minn sentejn sabiex ikunu jistgħu jlestu l-istudji tagħhom.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjat total ta' 90 krettu ECTS, u għandhom jinkludu 60 krettu ECTS għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu d-90 krettu ECTS kif imsemmi fil-programm ta' studju tal-Kors b'marka medja ta' mhux anqas minn 50%.

(3) L-istudenti li jiksbu 60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(4) L-istudenti li jiksbu 30 krettu ECTS assenjati għal-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

(5) Il-Bord għandu jipppubblika l-programm qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(6) L-istudenti kollha huma meħtieġa jattendu għal *lectures* u *placements* kliniċi kif indikat fil-programm ta' studju għall-Kors, fil-postijiet indikati mill-Bord tal-Istudji.

VERŻJONI ELETTRONIKA

6. Il-Bord tal-Istudji għandu jfassal il-katalgu tat-taqsimiet studju kollha. Il-katalgu għandu jindika il-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kretti ECTS assenjati għal kull taqsima studju, il-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni, kif ukoll l-opportunitatjiet ta' valutazzjoni mill-ġdid għal kull taqsima studji.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju għandha ssir meta jintemm it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Ir-riżultati għal valutazzjoni tat-taqsimiet studju u tad-dissertazzjoni għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat hawn taħt:

Marka	**Grad**
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
50% - 54%	D
0% - 49%	WEHEL

(3) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' kwalunkwe taqsimiet studju mgħallma għandhom jingħataw opportunità waħda biex joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid. Il-valutazzjoni mill-ġdid għandha ssir fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari. Jekk jgħaddu fil-valutazzjoni mill-ġdid, il-grad li jingħata huwa Grad D.

(4) Is-Senat għandu jaħtar il-Bord tal-Eżaminaturi għal kull taqsima studju skont il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università.

Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa li jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn 20,000 u l- 25,000 kelma, eskluži r-riferenzi u l-appendiċi, skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir matul l-ewwel u t-tieni sena tal-Kors. L-istudenti għandhom jissottomettu titlu u proposta tar-riċerka dettaljata għall-approvazzjoni sad-data stabbilita u fil-format speċifikat mill-Bord tal-Istudji.

(3) L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji għal kwalunkwe modifikazzjoni sostanzjanli fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(4) Kull dissertazzjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni ffirmata mill-istudenti li dak huwa x-xogħol oriġinali tagħhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Qabel ma jiggradwaw, l-istudenti għandhom jippreżentaw kopja elettronika lil kull waħda mill-Istituzzjonijiet Imsieħba, li għandha tinkludu dikjarazzjoni ta' awtenticità ffirmata. Il-verżjoni elettronika għandha tikkonforma mal-livelli stabbiliti minn kull Istituzzjoni Imsieħba.

9. (1) Il-Bord tal-Istudji għandu jaħtar superviżur għal kull student. L-istudenti huma meħtieġa li jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studju. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tal-paragrafu (2) tar-regolament 4; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

(3) Ir-rwol tas-superviżur għandu jieqaf meta d-dissertazzjoni tiġi mresqa għall-eżami iżda jista' jkompli, fuq il-parir tal-Bord tal-Eżaminaturi, sabiex jipprovdi gwida lill-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom tkun ġiet riferuta lura lilhom għal korrezzjoni sinifikanti qabel ma tkun aċċettata bħala finali.

10. (1) Kull dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord tal-Eżaminaturi, magħmul tal-anqas minn tliet eżaminaturi, li wieħed minnhom normalment għandu jkun eżaminatur lokali minn waħda mill-Universitajiet Imsieħba. Il-Bord tal-Eżaminaturi jista' jinkludi wkoll eżaminatur estern maħtur minn istituzzjoni esterna għall-Universitatjiet Imsieħba.

(2) L-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa li joqogħdu għal eżami *viva voce* biex jiddefendu d-dissertazzjoni tagħhom u dan jista' jsir permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi jekk ikun hemm l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji.

11. (1) L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom ma tkunx sodisfaċenti jistgħu jitħallew mill-Bord tal-Istudji, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi, jerġgħu jissottomettuha f'forma riveduta, sa sitt xhur minn meta din tiġi riferuta lilhom.

(2) Jekk student jeħel mid-dissertazzjoni, il-grad massimu li jista' jingħata fil-valutazzjoni mill-ġdid hu Grad D.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

VERŻJONI ELETTRONIKA

12. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

(3) Il-Postgraduate Certificate jingħata mingħajr klassifikazzjoni.

(4) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent għandu jirreferi għal dawn il-linji gwida meta jiddeċiedi dwar il-klassifikazzjoni finali tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad:

Marka Medja Finali Mwieżna	**Klassifikazzjoni**
70 – 100%	Għadda b'Distinzjoni
60 – 69%	Għadda b'Mertu
50 – 59%	Għadda.

13. It-tliet rikonoxximenti jingħataw flimkien miż-żewġ Istituzzjonijiet Imsieħba wara ftehim bejn iż-żewġ Istituzzjonijiet Imsieħba.